**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-22 ta' Jannar 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 159/2021 JPG**
**Kawza Numru : 25**

**DB**
**Vs**
**U b'digriet tal-11 ta' Lulju 2022, gew nominati Dr Martha Mifsud u PL Peter Sammut bhala kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-assenti KB nee' S detentrici tal-passaport G numru X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' DB, datat 16 ta' Gunju 2021, *a fol 1* li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu fit-18 ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), gewwa O, G, liema zwieg gie sussegwentement registrat fi-Registru Pubbliku ta' Malta kif jirrisulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok 'A', u*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom tifel, LB, f'Y.*

3. *Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża ai termini tal-Artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u*

4. *Illi oltre dan, l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex Dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi billi:*

*Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fit-18 ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati datata 21 ta' Novembru 2022 *a fol 64.*, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti.*

*Illi l-esponenti jirrizervaw kull dritt spettanti lilhom sabiex iressqu kemm provi jew sottomissjonijiet f'mumenti opportuni gialadarba huma jigu edotti mill-fatti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2023, din il-Qorti ddikjarat maghluqa l-istadju tal-provi tal-intimata u dana wara li inghataw diversi differimenti inutilment ghall-provi tal-intimata;

Rat illi Dr Bisazza ghar-rikorrenti iddikjara illi sejjer jistrieh fuq il-provi prodotti u ma jehtiegx li jaghmel trattazzjoni finali;

**Ikkonsidrat:**

***L-attur xehed permezz ta' affidavit (vide fol 24 et seq)*** u spjega illi hu iltaqgha mal-intimata waqt li l-intimata kienet qieghda Malta tistudja l-Ingliz fis-sena elfejn u erbatax (2014). Hi kienet Malta ghal perjodu ta' sitt (6) xhur. Wara li irritornat lura pajjiza, il-G, il-partijiet kienu bagqhu f'kuntatt. L-attur kien mar izurha l-G u ghamel xahar hemm. Illi wara ftit kienu qablu li l-intimata kellha tigi Malta u bdew jghixu flimkien.

Wara li kienu ilhom jghixu ftit xhur l-intimata kienet harget tqila. Jispjega illi din it-tqala ma kienitx wahda pjanata u kif l-intimata saret taf b'dan ma kienitx hadet gost tant li tilfet il-kontroll u bdiet tgara u tkisser xi affarijiet, u anke refghet idejha kontra l-attur. Illi minkejja dan kollu, l-attur kien attenda mal-intimata ghal appuntamenti medici, u l-intimata kienet baqghet tinsisti li taghmel accertamenti ulterjuri minkejja li t-tabib kien assiguraha li ma kienx hemm bzonn ta dan.

L-intimata baqghet Malta sal-hames xahar tat-tqala, meta minghajr wisq preavviz, iddecidiet li trid tmur lura l-G, biex twelled hemmhekk biex tkun cirkondata mill-familja taghha, u twelled skond it-tradizzjonijiet G. L-attur jishaq illi hu ma kienx kuntent b'dan u kien jippreferi li kieku baqghu Malta, pero kien qabel mad-decisjoni tal-intimata. Illi da parti taghha l-intimata kienet accertatu illi kif titwieled it-tarbija, jergghu jigu lura Malta.

Illi f'dan l-istadju, l-intimata bdiet tinsisti mieghu li jizzewwgu ghaliex ma riditx li t-tarbija tidher bhala tarbija ta' *single mother*. Illi ukoll riedet li jkollha libsa tat-tieg bi stil Ewropew, ghalkemm riedet li tizzewweg il-G. Riedet ukoll curkett tad-deheb. Illi meta hu ma kienx jaqbel maghha, l-intimata kienet tirrabja hafna, tant li biex izommha kuntenta, l-attur kien hadha tixtri libsa tat-tieg u anke xtralha curkett, minkejja li hu qatt ma ried li jizzewweg. Izid illi qabel telqu minn Malta kienu anke hadu xi ritratt bil-libsa tat-tieg. Illi baqghet tinsisti li jizzewgu anke ghaliex il-familjari taghha kienu qalulha li ser ikollha xi problem bl-istatus taghha l-G. Fit-18 ta' April 2016, l-intimata intavolat l-applikazzjoni ghaz-zwieg il-G minghajr il-kunsens,

il-presenza jew il-firma tal-attur u dana peress li riedet li d-dokumentazzjoni tkun lesta qabel ma titwieled it-tarbija.

Illi binhom, LB, twieled f'Y. Illi l-intimata baqghet tinsisti illi huma kellhom jizzewegu minhabba t-tarbija u jispjega illi hi kienet qaltlu li jekk ma jizzewgux, ma kienux ser jerghhu jiltaqghu. Jixhed illi l-intimata baqghet tinsisti illi t-tarbija kellha tiehu kunjomha u mhux kunjom l-attur jew iz-zewg kunjomijiet. Illi l-attur jafferma illi s-sitwazzjoni kienet cara, u li l-intimata ma riditx li l-partijiet jilhqu kompromess, izda li jsir dak li tghid hi kif tghid hi. Illi eventwalment kienet accettat li kunjom il-minuri jkun B.

Illi sakemm hi kienet qieghda l-G, hu kien baqa' jibghatilha l-flus, u ghamel li seta' sabiex l-intimata tkun kuntenta. Illi anke kien baghtilha xi pagamenti sabiex setghet taghmel l-arrangamenti neccessarji fir-rigward tal-propjeta li huma kienu ser jikru gewwa l-G. Fl-1 ta' Awwissu 2016, l-attur mar il-G sabiex ikun prezenti ghat-twelied. Hu kien qatta' xahar hemmhekk wara t-twelied tal-minuri. Illi qabel it-twelied kienet haditu T Hall Centre fejn hu kellu jiffirma tlett dokumenti differenti bil-lingwa G u dan minkejja li hu talab ghal traduzzjoni bl-Ingliz. **Jishaq illi ghadu sal lum ma jafx x'kien iffirma u dana peress li c-certifikat taz-zwieg taghha jindika bhala d-data April 2016**. Jaf biss illi wara li telqu minn dan il-post, l-intimata kienet qaltlu li issa mizzewgin.

Wara ftit mir-ritorna tieghu lejn Malta, l-intimata kienet baghtitlu messagg fejn qaltlu illi hi ma kienitx ser tirritorna lura Malta u jekk huwa jixtieq li jkun fil-hajja ta' ibnu, ghandu jmur jghix il-G. L-attur filfatt hekk ghamel, u anke beda jistudja l-G. Kien ukoll sab part-time job. L-intimata kienet tinsisti illi m'ghandux ikellem lit-tarbija bl-Ingliz izda biss bil-G, u meta kienet tarah jilghab mieghu kienet tiehdu biex tisqih ghaliex hu ma setghatx ikun prezenti waqt li l-intimata kienet qed tredda lit-tarbija. Illi fil-bidu ma kienitx thallih johrog ghal semplici mixja wahdu bit-tarbija, illi eventwalment imbaghad, l-intimata kienet cediet, **izda kienet tibqa' ssegwih**. Illi kellu suspett li hi kienet qieghda tibza li ser imur x'mkien bil-minuri u dan minkejja li d-dokumenti tal-minuri kienet izommhom hi. L-attur jishaq illi filfatt hu ma kellux idea fejn kienet izommhom.

Darba minnhom, wara li kellhom l-argument tas-soltu, l-intimata kienet gabet il-Pulizija, u kienu talbuh jaghtihom il-passaport tieghu. Illi eventwalment gie infurmat illi l-intimata kienet qaltihom illi kellha l-biza' li zewgha kien ser jahrab bil-minuri u li hi kienet vitma ta' vjolenza

domestika da parti tal-attur. Illi l-pulzija kienu ssuggerew li jghixu separatament, u l-intimata kienet marret tghix ghand il-genituri taghha flimkien mal-minuri, u li kull darba li kien jitlobha biex jara lil ibnu kienet tghidlu li seta' jarah biss l-ghassa tal-Pulizija. Peress li ma kellux ghazla ohra kien accetta li jsir hekk, pero' l-intimata marret biss darba u minn dakinhar qatt ma rega' ra lill-ibnu. Illi wara ftit kienet baghtitlu messag fejn qaltlu li kienet telqet mid-dar tal-genituri taghha u li lanqas huma ma jafu fejn tinstab.

Minkejja li kien ghamel xahrejn ohra fejn baqa jfittixhom, fuq parir ta' habib tieghu, irritorna lura Malta. Mar-ritorna tieghu, kien ircieva email minghand l-avukat tal-intimata certu Juri Yukita San, fejn infurmatu illi l-intimata trid tikseb id-divorzju, u anke kienet qaltlu illi hu ma kienx ser ikun jista jara lill-ibnu aktar.

Jishaq illi huwa jixtieq li jinghata l-annullament ghaliex hu qatt ma ried li jizzewweg u zzewweg kontra r-rieda tieghu, sabiex jevita dak li xorta wahda gara, u cioe li jigi jeskluz mill-hajja ta' ibnu.

***Claire Farrugia, oht l-attur, xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 61 et seq)*** u spjegat illi huha iltaqgha mal-intimata fis-sena 2014, meta l-intimata kienet qieghda tistudja l-Ingliz f' Malta u kienet qieghda tirrisjedi mill-familja taghhom bhala l-*host family* taghha. Illi sussegwentement huha u l-intimata bdew jghixu flimkien, u wara ftit xhur, huha kien qalilha li l-intimata kienet harget tqila. Minkejja li huma inghataw l-impressjoni illi huha u l-intimata kienu ser jistabilixxu ruhhom Malta, l-intimata riedet li tmur twelled l-G. Huha hallha kollox, rrezenja mix-xoghol biex zgur ikun prezenti ghat-twelied. Huha kien qalilha illi l-intimata kienet qieghda taghmel pressjoni sabiex huma jizzewgu qabel it-twelied tat-tarbija, ghaliex ulied mwielda barra z-zwieg ma kienux accettati l-G. Tixhed illi z-zwieg qatt ma kien fil-pjanijiet ta' huha. Illi pero' l-intimata kienet qaltlu illi jekk ma jiffirmax ghaz-zwieg ma kienx ser jara lill-ibnu. Illi ghalhek huha ma kellux ghazla.

Illi ghalkemm fil-bidu kienu hasbu li kollox kien mixi harir, wara ftit huha kien infurmahom illi l-intimata ma kienitx thallih iqatta' hin wahdu mat-tarbija, u anke kienu qieghdin jorqdu separatament tant illi sussegwentement l-intimata kienet anke marret tirrisjedi mal-genituri taghha flimkien mal-minuri. Ix-xhud iddikjarat li huha sahansitra kien infurmahom illi l-intimata kienet telqet mid-dar t' ommha, u li kienet qaltlu biex ma jfittixhiex. Minkejja li huha

kien ghamel xahrejn ohra l-G jfittex lill-intimata u lill ibnu, dan kien kollu ghalxejn. **Huha baqa' qatt ma rega' ra lill-ibnu.**

***AB, omm l-attur, xehdet permezz ta' affidavit, (vide fol 69 et seq)*** fejn spjegat illi fis-sena 2014, binha kien sar jaf lill-intimata li hi kienet qieghda tistudja l-Ingliz u kienet qed tghix ghandhom ghaliex kienu l-*host family* taghha. Illi sussegwentement l-intimata irritornat lura Malta, u l-intimata u binha bdew jghixu flimkien u wara biss ftit xhur, binha kien qalilhom li l-intimata kienet harget tqila. L-intimata kienet f'*shock* kbir, u huma offrewlhom is-support kollu taghhom. Illi huma kienu taht l-impressjoni illi kien hemm qbil bejn l-intimata u binha illi kienu ser jistabilixxu ruhhom f' Malta izda wara biss ftit xhur, l-intimata kienet iddecidiet li twelled il-G. Binha kien irrezenja mix-xoghol biex zgur ikun prezenti ghat-twelid. Illi l-intimata bdiet imbaghad tinsisti illi jizzewgu qabel it-twelied tat-tarbija anke peress li nkella kien ser ikollha tirregistra lit-tarbija bhala tarbija ta' missier mhux maghruf. Binha kien stqarr maghha illi z-zwieg qatt ma kien fil-pjanijiet tieghu, pero' l-intimata baqghet tinsisti.

Minkejja li binha telaq kollox biex ikun maghha, l-intimata qatt ma involvietu wisq u wara biss ftit xhur mit-twelied tat-tarbija, l-intimata ma kienitx tafda lil binha wahdu mat-tarbija, u bdew ukoll jorqdu separatament.

Illi eventwalment l-intimata qabdet u telqet mid-dar tal-genituri taghha, u infurmat lill-attur b'dan tramite messagg. Binha kien distrutt u minkejja li kien ghamel xahrejn ohra l-G jipprova jirrintracca lill-intimata u lil ibnu, kellu jirritorna lura Malta. Illi minkejja li l-intimata kienet ghamlitilu cara illi jew jizzewgu jew nkella ma kienx ser jara lill-ibnu aktar, binha xorta wahda spicca f'din is-sitwazzjoni.

***L-attur xehed viva voce quddiem din il-Qorti nhar id- 19 ta' April 2023 (vide fol 76 et seq)*** u filwaqt li kkonferma dak minnu dikjarat fl-affidavit tieghu, zied jispjega illi meta huwa iltaqgha mal-intimata kien fis-sajf tas-sena 2014, u hi kellha madwar tmienja u ghoxrin (28) sena u kien biss wara xaharejn li bdew jghixu flimkien li l-intimata harget tqila. Jixhed illi kien ahbar xokkanti ghalihom it-tnejn, u l-intimata ma setghatx taccetta dan il-fatt. Zied illi kif hi inqabdet tqila, bdiet tinsisti li jizzewgu immedjatament, izda hu dejjem qalilha li hu ma jridx zwieg u li m'ghandhomx ghalfejn jizzewgu. Illi sussegwentement, riedet ukoll li tmur twelled il-G, u lilu gabitu daru mal-hajt u bilfors kellu jaghzel ghaliex l-intimata kienet qaltlu jekk ma jizzewwighiex, lit-tifel ma jarahx iktar. L-attur jishaq illi hu hassu mhedded u ma kellux ghazla

hlief li joqghod ghal dak li riedet l-intimata anke peress li baqghet tishaq mieghu illi fil-kultura taghha, wild imwieled barra z-zwieg ikun mistmerr. Fl-1 ta' Awwissu kien mar il-G ftit qabel ma twieldet it-tarbija, u kienu marru flimkien T Hall Centre, fejn gieghlitu jiffirma xi karti bil-Giz, illi sal-lum il-gurnata ghadu ma jafx x'kienu. Isostni illi hu talabha tispjegalu izda bdiet tirrabja mieghu quddiem l-ufficjali u qaltlu li kienet ser tispjegalu kollox la johorgu, izda x'hin hargu kienet qaltlu li issa mhux il-waqt u li issa kienu mizzewgin.

Jikkonferma illi hi kienet talbitu ic-certifikat tat-twelied tieghu, u xi kopji tal-karta tal-identita tieghu. **Meta eventwalment kien ra kopja tac-certifikat taz-zwieg, id-data kienet tindika 14 ta' April, u li f'dan il-perjodu hu ma kienx prezenti l-G, b'dana illi z-zwieg effettivament sar ferm qabel ma hu kien prezenti l-G**. Jikkonferma illi hu kien prezenti waqt it-twelied tal-minuri, u li hu rritorna lura Malta fl-ahhar ta' Awwissu.

Illi mar-ritorna tieghu lura Malta, l-intimata kienet baghtitlu messagg illi hi mhiex ser tigi lura Malta, u jekk ried li jara t-tifel, kellu jmur il-G. Illi minn hemm hu kien telaq jghix il-G. Illi minkejja li kien ta l-flus biex tikri residenza ghalihom, kienu spiccaw jorqdu fi kmamar separati u l-intimita ta' bejniethom bdiet tispicca. Wara ftit xhur, l-intimata kienet iddecidiet li tmur tghix ghand il-genituri taghha, u hallietu wahdu fil-*flat.* Illi minn dan il-punt 'l quddiema kellu jmur *T Police station* biex jara lit-tifel. Dan gara biss darba ghaliex it-tieni darba ma kienitx marret minkejja li kienu qablu fuq hin u datat. Illi wara ftit infurmatu li ma baqghetx tghix mal-genituri taghha, u hu kien baqa jfittixha, izda inghatalu parir li jkun ahjar jekk jirritorna lura pajjizu ghaliex l-intimata setghet iggibu fl-inkwiet. Illi llum il-minuri ghandu seba' snin u minn dakinhar 'l hawn qatt ma rah aktar.

Illi mar-ritorn tieghu Malta kien ircieva xi emails minghand l-avukat taghha, biex jieqaf jibghat ir-rigali lill-minuri fl-indirizz tal-genituri tal-intimata, peress li huwa kien baqa' jibghat xi rigali lit-tifel fil-Milied u fil-*birthday.*

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tal-partijiet ikkontrattat fit-18 ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) gewwa O l-G, liema zwieg gie sussegwentement registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 3212/2016 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4* tal-atti.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu iltaqghu f'Malta fis-sena 2014. Dak iz-zmien l-intimata li kellha madwar tmienja u ghoxrin (28) sena kienet qieghda Malta tistudja l-Ingliz, u l-genituri tal-attur kienu l-*host family* taghha. Illi meta l-intimata marret lura pajjiza, l-partijiet baqghu jikkorrispondu. Illi eventwalment l-intimata giet lura u l-partijiet bdew jghixu flimkien. Illi wara circa xahrejn ta' konvivenza, l-intimata harget tqila. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel, LB li twieled nhar Y.

Gie rilevat illi:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett.***[1]

Fir-rigward taz-zwieg, tezisti prezunzjoni ta' validita' illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pien tal-Qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita.' Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> ***"… Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***
>
> ***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…***

[1] Vide Rik.Gur.Nru.: 219/2016RGM fl-ismijiet: L-Avukat AB vs ED deciza nhar il-31 ta'Jannar 2018.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia*** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> ***Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament.***

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernardette Zammit*** deciza 27 ta' Jannar 2006:

> ***Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.***

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina fil-meritu taghhom il-kawzali ta' nullita' mressqa mill-attur.

**Ikkonsidrat:**

L-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq l-artikoli 19 (1)(a) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-Artikolu 19(1)(a) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta** jistipula kif segwenti:

> ***(a) Jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża.***

Dwar l-Artikolu 19(1)(a), l-obbligu tal-Qorti huwa li tezamina jekk kienx hemm:

(i) pressjoni fuq wieħed mill-partijiet sabiex jiġi ċelebrat dan iz-zwieġ, liema pressjoni tammonta għall-vjolenza, u/jew,

(ii) kienx hemm biża’ sa dak il-grad li tesiġi l-liġi u skont dak li ġie stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana.

Fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marianna Calleja vs. Francis Calleja, deċiża mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta’ Ottubru 2002,*** fir-rigward tal-kwistjoni ta’ pressjoni, gie mghallem:

> ***“Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet oħra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta għal vjolenza morali jew biża' esterna ta' natura irreżistibbli, ċjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-għoti ta' dak il-kunsens” u żżid tgħid li “Sabiex vjolenza morali twassal għal effett li tinvalida ż-żwieġ trid tkun (i) inġusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti… Fl-ewwel lok il-biża' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jeserċitaha jrid ikun kapaċi, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jagħmel; u fit-tielet lok il-biża' trid tkun motiv prinċipali għaliex il-persuna tasal li tiżżewweġ, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid”.***

F’rabta mal-premess, fir-rigward tal-kwistjoni ta’ biza’ u vjolenza, il-ġurisprudenza nostrana matul iz-zmien kompliet dejjem telabora l-insenjamenti taghha. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Shirley Anne mart Abdul Fatah al Buesli xebba Perry vs. Dottor Alfred Mifsud noe,*** deċiza mill-Prim’ Awla talQorti Ċivili nhar it-22 ta’ Novembru 1982, intqal illi:

> ***“biex biża’ taqa’ taħt l-artikolu in kwistjoni, irid ikun ċert, ta’ ċerta gravita serja u għandha tiġi distinta minn dak li hu mistħija u frivolezza u kapriċċ ta’ min ser jagħti l-kunsens. Barra min hekk irid ikun realistiku”.***

Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Victoria Spiteri vs Anthony Spiteri magħruf Coleiro, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta’ Diċembru 1994***, ġie kkonfermat illi:

> ***“Huwa minnu li ġie rikonoxxut li l-biża’, jekk verament tissussisti, tista’ sservi bħala raġuni biex tinfiċja kunsens. Iżda mhux kull tip ta’ biża’ tista’ twassal sa dan l-estrem”.***

Għaldaqstant,

> ***"Il-biża' trid tkun ċerta, gravi u realistika.... skond il-liġi ċivili tagħna biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li din taħkem fuq persuna raġjonevoli u ġġegħlha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira (Artikolu 978 (1) Kodiċi Ċivili)... Fil-valutazzjoni, imbagħad, tal-kriterji tal-vjolenza għandhom jiġu meħuda in konsiderazzjoni l-eta`, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna (Artikolu 978(2));"*** (*Vide s-***sentenza Denise Borg vs. Christopher Borg,** *deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-21 ta' Ottubru 2002).*

Fid-decisjoni fl-imsijiet: ***Marica d'Amato vs. Philip d'Amato,*** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003, il-Qorti trattat il-kwistjoni tal-biża' u l-vjolenza u kif dawn għandhom ikunu biex jista' jiġi vizjat il-kunsens matrimonjali:

> ***"Din il-vjolenza trid tiġi valutata minn dak dispost fl-Artikolu 978 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri jrid jintwera li l-attriċi, qabel iż-żwieġ, kienet assoġġjettata għall-pressjoni gravi u ndebita. Vjolenza għalhekk determinanti, inġusta u gravi. Fiż-żwieġ, imbagħad, a differenza minn kuntratti oħra, l-kwestjoni trid tiġi eżaminata in relazzjoni għal liberta` matrimonjali. Il-vjolenza għalhekk trid tiġi valutata mhux fuq is-sempliċi seduzzjoni ta' l-attriċi iżda fuq l-ipotesi li hi ġiet indotta għaż-żwieġ minħabba raġunijiet ta' pressjoni qawwija u insuperabbli. Ad exemplum, perkossi minn żewġha waqt l-għerusija jew mill-ġenituri jew il-minaċċja li titkeċċa 'l barra. Kwantu għall-element tal-"biża" din trid tiġi oġġettivament analizzata mill-ottika ta' fatturi esterni li jokkorru fuq il-persuna. Il-biża' trid tkun ta' gravita` essenzjali. Mhux biżżejjed għalhekk ansjeta` ġewwinija f'dak li jkun. Fil-fatt l-Artikolu 980 jippreċiża li l-biża' riverenzjali lejn il-ġenituri, axxendenti oħra jew lejn ir-raġel mhux biżżejjed biex jannullaw il-kuntratt, jekk ebda vjolenza ma tkun ġiet użata."***

It-tieni bazi guridika proposta mill-attur hija dik l-kontro-parti fl-Artikolu 19 (1) (f) Kap. 255 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg ikun null:

***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Simon Cusens vs Romina Cusens*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

***"Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED,*** citata aktar il-fuq intqal:

***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi:

***meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda)***

> ***minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

**Ikkonsidrat:**

Stabbiliti dawn l-insenjamenti legali fuq il-kuncetti tal-pressjoni, vjolenza, biza', u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura tul il-mori tal-proceduri.

Illi din il-Qorti ghandha biss a dispozizzjoni taghha il-provi prodotti mill-attur, stante li ma kienx hemm kuntatt mal-intimata.

Din il-Qorti ghandha d-dover li tevalwa bir-reqqa l-provi li ngabu quddiemha, liema provi ghandhom ikunu konkreti, konvincenti u li ma jhallu l-ebda dubju f' mohh il-gudikant b'dana illi l-anullament in kwistjoni mhux qiegħed jintalab kappriccozament. Fil-kaz odjern, il-Qorti tibda billi tosserva illi l-attur, li fuqu jinkombi l-*onus probandi,* apparti t-testimonjanza u l-affidavit tieghu, prezenta numru ta' affidavits tal-familjari tieghu, liema familjari ma gewx sottoposti ghall-kontro-ezami da parti tal-konvenuta.

Din il-Qorti rat illi l-attur isejjes it-talba ghall-annullament taz-zwieg tieghu minn mal-konvenuta fuq presupposti, dak illi l-kunsens tieghu; (1) kien wiehed ivizzjat minhabba vjolenza u pressjoni morali, jew biza u (2) il-kunsens tal-attur u/jew tal-konvenuta kien ivvizjat stante li inkiseb bl-esklusjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Fir-rigward tal-ewwel presuppost, kif gja inghad aktar 'il fuq, tirrizulta il-vjolenza jew pressjoni tali li tivvizzja l-kunsens, meta jirriflettu u jinfluwixxu fuq il-kondizzjoni mentali tal-persuna tant li din ma tkunx libera li taghzel u taghmel dak li tixtieq, u biex tevita l-minaccja ta' dannu gravi, kif fit-test tal-ligi specifikat, taghzel li taghmel dak li jiddetalha jew jrid haddiehor.

Il-Qorti rat illi l-attur minghajr hafna tlaqliq *ex admissis* kemm fl-affidavit tieghu u kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda, dejjem sostna illi hu qatt ma ried jizzewweg:

> *" I never wanted to get married and always believed that once we were expecting a child we had to focus on our responsibilities. I did my best to keep the peace and not argue with her as deep down I knew well that she was the one carrying our child and if anything went wrong between us, at least till the child was born, I would have had serious problems if she just decided to leave and not contact me anymore…*
>
> *…*
>
> *I would like to obtain an annulment as I never wanted to get married. I did it completely against my will, simply to make sure that she will not do what she had threatened to do, this is exclude me from my son's life if I failed to marry her." I got married to keep her happy and make sure that my son's birth certificate will not mention an unknown father… If I didn't grant her that, she would have excluded me from her life before our son was born although she still did that shortly after."*

Illi fuq il-pedana tax-xhud l-attur stqarr:

> *" Attur: U jiena qatt ma ridt zwieg jien mal-ewwel ghidtilha, zwieg ma ghandhiex ghalfejn zwieg*
>
> *Qorti: Ok*
>
> *…*
>
> *Attur: … jiena qatt ma ridt nizewweg avzajtha mill-ewwel hawn Malta ma hemmx ghalfejn zwieg, biss imma l-ewwel riedet iz-zwieg u imbaghad riedet tmur twelled f'pajjizha u gabitni qishek tefatni mal-hajt bil-pistola go rasi u kelli qisni naghzel*
>
> *Qorti: Ghaliex bil-pistola ma rasek?*
>
> *….*
>
> *Attur: Ghax hi qalet jekk inti ma izzewwignix inti mhux ha taf it-tifel iktar, igifieri jekk ahna ma nizzewgux qaltli inti tista lanqas tigi lejn il Japan la tista tara it-tifel la tista ma taghmel xejn u jiena hassejt li I was threatened tefatni mal-hajt illi I had to obey her rules fhimt…*[2]

Oht l-attur fl-affidavit taghha spjegat illi:

[2] Vide xhieda attur a fol 78.

*At this point D had no choice and gave in to getting married. He feared that she would keep her word and never let him meet his own son. This was the only reason why he accepted to get married.*

*Given that it was necessary for her due to Japanese traditions to be legally in order namely to be married once she had a child, she led my brother into getting married. D had no choice- it was made very clear to him, either marriage or else he would never see his son again.*[3]

Din il-Qorti taghraf similjanza bejn dak li ddikjara l-attur fil-kawza odjerna u l-fattspecie fil-kawza fl-ismijiet ***JP vs CC*** deciza minn din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta' Ottubru 2021 (Vide Rik.Gur.Nru.: 43/2019). Illi dan is-suggett gie ukoll ezaminat f'sentenzi fl-ismijiet; ***Karl Calleja vs Isabella Calleja deciza*** nhar it-30 ta' Gunju 2004 u AB vs CD deciza nhar il-21 ta' Gunju 2006.

Illi din il-Qorti tosserva ukoll illi tant l-intimata kienet konsapevoli tal-fatt illi z-zwieg qatt ma kien fil-pjanijiet tal-attur, li mit-testimonjanza mhux kontradetta tal-attur **jidher bic-car illi l-intimata kienet zammet mistur l-applikazzjoni ghall-permess ta-zwieg. Illi sahansitra anke meta l-attur kien qieghed il-G stess, l-intimata qatt ma taghtu sodisfazzjoni rigward dak li kien qieghed ikun qed jiffirma minkejja l-fatt illi dawn id-dokumenti kienu kollha bil-lingwa G.**

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-attur qatt ma kellu intenzjoni li jizzewweg lill-intimata u kien biss il-biza' tremenda tieghu li qatt ma kien ser jara lil ibnu u qatt ma kien ser ikollu relazzjoni ma ibnu, li gieghlitu jaghmel dak li ma riedx u cioe li jizzewweg lill-inimata. Din il-Qorti qieset illi l-kondizzjoni mentali tal-attur li kien wahdu f'pajjiz barrani, b'lingwa u kultura li ma jifhimx, u mhedded li jekk ma jizzewwigx, ma kienx ser jerga' jara lil ibnu. Din ma kienitx pretiza fierha izda kienet theddida illi fill-fatt kienet gia twettqet il-G meta l-attrici imponiet fuq l-intimat li ma jarax lil ibnu jekk mhux fl-ghassa tal-Pulizija u kienet sahansitra ghamlet rapport falz ta' vjolenza domestika fl-ghassa tal-Pulizija tal-G fejn l-istess Pulizija kienu hadu il-passaport tal-attur. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-intimat ma kienx liberu fl-ghazla tieghu li jersaq ghaz-zwieg, izda din l-ghazla kienet biss rezultat ta' pressjoni estrema ezercitata fuqu mill-intimata li minhabba l-fatt li l-valuri kulturali taghha allegatament ma

[3] Vide affidavit a fol 61-62.

kienux jikkontemplaw tarbija barra z-zwieg, imponiet dan iz-zwieg fuq l-attur, ghaliex kienet konvinta illi l-attur sabiex ikun missier prezenti fil-hajja ta' ibnu, **kien dispost jasal jaghmel kollox ghall-ibnu**. It-tarbija kienet l-uniku mottiv li wassal lill-attur sabiex minkejja l-konvinzzjonijiet tieghu, jaghmel dan il-pass, pass li ma hax volontarjament izda sforz tal-pressjoni qawwija u l-biza' li l-intimata teskludih kompletament mill-hajja ta' ibnu, theddid li tenut kont tal-cirkostanzi tal-kaz kien theddid determinati li ssoggetta l-volonta' tal-attur ghar-rieda tal-intimata.

Illi tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, il-Qorti hija sodisfatta li jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [a] ta' l-imsemi Artikolu 19(1) u ghalhekk tastjeni milli taghmel indagni ulterjuri fuq l-kap l-iehor citat mill-attur fir-rikors promotur.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, l- Att Dwar iz-Zwieg.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes ghandhom ikunu a karigu tal-intimata izda jithallsu provizorjament ill-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**